# A. L-Għanja tat-Tluq

Tul mija u tmenin sena għixna flimkien
issa li ninfirdu wasal iż-żmien,
mhux birdin u miġġildin
anzi bħal żewġ maħbubin,
ejjew għalhekk nitgħannqu u nbusu 'l xulxin.

L-istorja dejjem miexja u ġġib tibdil,
lilu jkollna nerfgħu, tqil kemm hu tqil,
mingħajr irbit u lġiem
Malta trid tibda llum tgħix
tal-gwerra mhux bil-għodod iżda b'dawk tas-sliem.

Ħabiba tal-ġirien
u n-nies ta' kullimkien
Malta tixtieq li tgħaqqad
il-popli flimkien.

Biex jilħaq dan il-għan
il-Malti huwa ħerqan
li jagħmel l-almu kollu
li jistinka bla serħan.

L-istorja wrietna dejjem minn żmien għal żmien
il-poplu ta' Malta l-aktar qalbien;
kif fl-imgħoddi kien rebbieħ
din id-darba jkun ukoll,
fil-ġrajja tiegħu kollha jikseb l-aqwa ġieħ.

Tal-firda sar il-ħin
'mma ż-żmien irid
jarana żewġt iħbieb
naħdmu flimkien għall-ġid.

Għalhekk qabel it-tluq
kollha mqanqlin
ejjew flimkien nitgħanqu
u nbusu lil xulxin.